**Tribunal Industrijali**

**Decizjoni Numru: 2794**

**Kaz Nru: 3722/MD**

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Josephine Galea (I.D. 438373M)**

**u**

**Malta Public Transport Services (Operations) Ltd C48875**

*dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hija ngusta*

**Chairperson: Dott. Marouska Debono LL.D., M.A. in Law**

Illum it-Tnejn 17 ta' Jannar, 2022

## 1. Introduzzjoni

Illi r-rikorrenti Josephine Galea pprezentat il-kaz taghha fil-11 ta' Frar tas-sena 2019[1] fejn ippremettiet illi:

1. Hi kienet impjegata mall-kumpanija ntimata bhala 'Bus Driver';
2. Illi l-impjieg taghha kien illegalment terminat fis-17 t'Ottubru 2018 ghall-allegati ragunijet dixxiplinari;
3. Illi l-impjieg tar-rikorrenti ma kienx terminat minhabba kawza gusta u sufficjenti ai termini tal-ligi hekk kif ser jigi pruvat waqt il-proceduri odjerni.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet suesposti u ohrajn illi ser jigu spjegati f'iktar dettal matul il-proceduri odjerni, ir-rikorrenti umilment titlob lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex:

1. Jiddikjara u jiddeciedi li l-impjieg taghha gie tterminat illegalment u mhux skont il-ligi;
2. Jillikwida kumpens xieraq u gust minhabba t-terminazzjoni illegali tal-impjieg taghha;
3. Jikkundanna lill-kumpanija ntimata sabiex thallas l-ammont hekk kif likwidat lir-rikorrenti.

Bl-ispejjez u nteressi legali kontra l-kumpanija ntimata illi r-rapprezentanti taghha huma minn issa ngunti in subizzjoni.

B'risposta mressqa fis-7 ta' Marzu 2018[2], is-socjeta' ntimata Malta Public Trasport Services (Operations) Ltd eccepiet is-segwenti:

---

[1] A fol 1 tal-process.

[2] A fol 5 et seq tal-process.

Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u li t-tkeccija tal-istess rikorrenti saret ghal '*raguni gusta u sufficjenti'* kif dedott fil-Kap 452 tal-Ligijiet ta'Malta u dan stante:

1. Illi s-socjeta' ntimata Malta Public Transport Services (Operations) Limited **('MPTSOL')** hija s-socjeta' li hija nkarigata sabiex topera s-servizz tat-trasport pubbliku tal-karozzi tal-linja f'Malta u Ghawdex;

2. Illi r-rikorrenti Josephine Galea, kienet impjegata bhala BUS DRIVER, mas-socjeta' ntimata permezz tal-kuntratt tax-xoghol indefinit, datat l-24 t'Awissu 2016, hawn anness u mmarkat bhala **Dok MPT 1**;

3. Illi tajjeb jigi relevat illi fir-rwol taghha bhala Bus Driver, hija kellha rwol ta' mportanza fl-operat tas-socjeta', liema rwol huwa essenzjali sabiex il-karozzi tal-linja jahdmu skond l-iskeda taghhom, u dan biex jigi assigurat illi jinghata servizz tat-trasport pubbliku xieraq;

4. Illi tul l-inkarigu taghha bhala Bus Driver, ir-rikorrenti kellha diversi offizi dixxiplinarji, ossia tmienja (8) li tnizzlu fil-*performance record sheet* hawn annessa u mmarkata bhala **Dok MPT 2**;

5. Illi meta l-impjieg tar-rikorrenti gie tterminat, ir-rikorrenti kellha hames (5) *warnings,* kollha *written warnings,* li kienu ghadhom *active,* ossia l-ahhar hames (5) *warnings* fuq il-*performance record sheet*;

6. Illi l-ahhar hames (5) *warnings* fil-*performance record sheet* huma s-segwenti:

   i. Illi r-rikorrenti naqset milli tiddepozita l-ammont korrett ta' flus migbura waqt ir-rottot, dovut lis-socjeta' ntimata f'diversi dati ossia fil-15/04/2017, 16/04/2017, 17/04/2017, 20/04/2017, 22/04/2017. Ir-rikorrenti naqset milli taghmel dan nonostante r-regola li tobbliga u tirrikjedi li dawn il-flus jigu ddepozitati minufih wara *shift.* Illi ghaldaqstant inharget *charge letter* fejn ir-rikorrenti giet akkuzata li l-agir taghha kien jammonta ghall-"*not depositing funds, cash, tools, equipment, goods and supplies by more than 24 hours of the stipulated timeframes established by the company up to once in any given year, unless there is a failure in the system",* hawn annessa u mmarkata bhala **Dok MPT 3** datata l-25 t'April 2017. Illi ghal din l-offiza dixxiplinarja hawn fuq

imsemmija inharget *written warning* ghal *Misconduct Offence* hawn annessa u mmarkata bhala **Dok MPT 4** datata l-11 ta'Mejju 2017;

ii. Illi fit-2 ta' Gunju 2017, waqt li r-rikorrenti kienet qed taghmel ir-rotta numru 71 fis- seba' u nofs ta' filghodu fi Triq Aldo Moro l-Marsa, hija kellha ncident bil-karozza tal-linja numru 158. Illi fir-rapport hawn anness u mmarkat bhala **Dok MPT 5**, ir-rikorrenti spjegat illi meta kienet fi Triq Aldo Moro kien hemm trakk quddiemha u dan dar biex jidhol fil-petrol station, ir-rikorrenti bbrejkjat imma l-karozza tal-linja skidjat u baqat diehla fit-trakk.

Illi minn dan ir-rapport jirrizulta illi dan l-incident kien tort tar-rikorrenti. Illi ghaldaqstant inharget *charge letter* fejn ir-rikorrenti giet akkuzata li l-agir taghha kien jammonta ghall-"*blameworthy accidents that are considered to be minor including parking accidents, bus to bus minor accidents, which do not include any injuries*" hawn annessa u mmarkata bhala **Dok MPT 6** datata it-22 ta' Gunju 2017**.** Illi ghal din l-offiza dixxiplinarja hawn fuq imsemmija inharget *written warning* ghal *Misconduct Offence* hawn annessa u mmarkata bhala **Dok MPT 7** datata l-10 ta' Lulju 2017;

iii. Illi fis-26 ta' Mejju 2018, ir-rikorrenti kellha ncident iehor fi Triq Paola f'Hal-Tarxien bil-karozza tal-linja numru 672, fejn kawza tal-incident saret hsara lill-mera tax-xellug. Illi fir-rapport hawn anness u mmarkat bhala **Dok MPT 8**, ir-rikorrenti spjegat illi kif kienet qed iddur ghal got-Triq Paola f'Hal-Tarxien laqtet il-mera m'arblu, kawza ta' din id-daqqa l-mera waqat u nkisret. Illi ghaldaqstant inharget *charge letter* fejn ir-rikorrenti giet akkuzata li l-agir taghha kien jammonta ghall-"*blameworthy accidents that are considered to be serious and/or which include minor injuries"* hawn annessa u mmarkata bhala **Dok MPT 9** datata il-11 ta' Gunju 2018**.** Illi ghal din l-offiza dixxiplinarja hawn fuq imsemmija inharget *written warning* ghal *Misconduct Offence* hawn annessa u mmarkata bhala **Dok MPT 10** datata l-25 ta' Gunju 2018;

iv. Illi ftit jiem wara ossia fid-19 ta' Gunju 2018, ir-rikorrenti waslet ghoxrin (20) minuta tard ghad-*Duty 027*. Illi tajjeb jigi relevat illi Transport Malta timponi multi fuq is-socjeta' ntimata meta jintilfu r-rotot. Illi l-fatt li r-rikorrenti waslet ghoxrin (20) minuta tard ghad-*Duty 027* jfisser li l-karozza tal-linja li suppost

kopriet dik ir-rota partikolari telqet tard u sussegwentament gie kkawzat dewmien ghall-passiggieri. Illi ghaldaqstant inharget *charge letter* fejn ir-rikorrenti giet akkuzata li l-agir taghha kien jammonta ghall-"*unauthorized or unjustified reporting late for work or leaving early according to clause 25"* hawn annessa u mmarkata bhala **Dok MPT 11** datata l-20 ta' Gunju 2018**.** Illi ghal din l-offiza dixxiplinarja hawn fuq imsemmija nharget *written warning* ghal *Misconduct Offence* hawn annessa u mmarkata bhala **Dok MPT 12** datata id-9 ta' Lulju 2018;

v. Illi fl-20 t'Awissu 2018, ir-rikorrenti cemplet lis-socjeta' ntimata biex tinfurmhom li ma kinitx diehla ghax-xoghol dakinhar minhabba li kienet qed thossha ma tiflahx. Illi sussegwentament it-tabib tal-kumpanija gie mibghut biex jezamina r-rikorrenti. Meta t-tabib ezaminaha sab li fil-fatt ir-rikorrenti ma kinitx marida. Illi s-socjeta' ntimata tissottometti umilment illi hija ma tista' qatt taccetta din it-tip ta' mgieba mill-impjegati taghha u dan peress illi dan jammonta ghall-abbuz ta' *sick leave*. Illi ghaldaqstant inharget *charge letter* fejn ir-rikorrenti giet akkuzata li l-agir taghha kien jammonta ghall-"*disobeying company instructions or procedures"* hawn annessa u mmarkata bhala **Dok MPT 13** datata l-21 t'Awissu 2018**.** Illi ghal din l-offiza dixxiplinarja hawn fuq imsemmija nharget *written warning* ghal *Misconduct Offence* hawn annessa u mmarkata bhala **Dok MPT 14** datata l-10 ta' Settembru 2018;

7. Illi r-rikorrenti kienet tiehu hafna *emergency leave* hekk kif jidher mid-dokument hawn anness u mmarkat bhala **Dok MPT 15.** Ir-rikorrenti skont il-Ftehim Kollettiv kienet intitolata ghal-hamsa u ghoxrin (25) siegha ta' *emergency leave* (klawzola numru 26.1.9 tal-Ftehim Kollettiv). Ir-rikorrenti hadet iktar *emergency leave* milli kienet intitolata ghalih izda, nonostante dan, minhabba li s-socjeta' ntimata kienet konxja tas-sitwazzjoni sensittiva tar-rikorrenti, is-socjeta' ntimata ghalqet ghajn wahda ghal dan l-agir;

8. Illi l-procedura normali hi li meta jittiehed *emergency leave* ghandha tigi pprezentata nota ta' emergenza. Din il-procedura hija stipulata fil-Ftehim Kollettiv u hija wkoll konformi mad-dritt ta' min ihaddem li jitlob dawk il-provi li jkunu mehtiegha biex jivverifika u jikkonferma t-talba ghall-*emergency leave* ai termini tal-Ligi Sussidjarja 452.88;

9. Illi tajjeb li jigi relevat illi hekk kif inhu stipulat fil-Ftehim Kollettiv Vigenti hawn anness u mmarkat bhala **Dok MPT 16**, ossia pagna erbgha u hamsin (54), '*gross misconduct shall include but not limited to: (i) receiving more than two misconduct written warnings';*

10. Illi fit-13 u l-14 ta' Settembru 2018, ir-rikorrenti hadet jumejn *emergency leave,* izda hi naqset milli tipprezenta nota ta' emergenza lis-socjeta' ntimata hekk kif jidher mid-Dokument mmarkat bhala **Dok MPT 15.** Illi l-prezentazzjoni ta' noti bhal dawn hija t'importanza kbira ghas-socjeta' ntimata. Illi minhabba n-nuqqas ta' dixxiplina, traskuragni u l-fatt li r-rikorrenti kellha iktar minn '*two misconduct written warnings*' inharget *charge letter* ghal *Gross Misconduct Offence* fejn ir-rikorrenti giet akkuzata li l-agir taghha kien jammonta ghall-"*negligence which results in major damages to the company"* hawn annessa u mmarkata bhala **Dok MPT 17** datata t-2 ta' Settembru 2018**;**

11. Illi r-rikorrenti giet innotifikata biex tidher ghall-process dixxiplinarju li kellu jsir fil-15 t'Ottubru 2018, hekk kif jidher mid-dokument hawn anness u mmarkat bhala **Dok MPT 18**. Illi gie mibghut ukoll *reminder* dwar id-data u l-hin li fih kellu jsir il-process dixxiplinarju hekk kif jidher mid-dokument hawn anness u mmarkat bhala **Dok MPT 19**;

12. Illi ghalhekk sar process dixxiplinarju ai termini tal-Ftehim Kollettiv Vigenti fil-15 t'Ottubru 2018, mmexxi minn Chairperson indipendenti Victor Scerri hekk kif jidher mid-dokument tal-minuti tal-process dixxiplinarju hawn anness u mmarkat bhala **Dok MPT 20**, fliema process, ir-rikorrenti kellha d-dritt li taghti l-verzjoni tal-fatti taghha, fejn hi spjegat illi fit-13 ta' Settembru 2018 hi kellha tmur ghand it-tabib ma' membru tal-familja taghha u li fl-14 ta' Settembru r-rikorrenti giet imsejha biex tigbor in-neputi taghha mill-iskola;

13. Illi tajjeb li jigi relevat illi r-rikorrenti ffirmat id-*Disciplinary Hearing Form* hawn annessa u mmarkata bhala **Dok MPT 21,** fejn ir-rikorrenti kkonfermat li rceviet ic-*charge letter* u li rceviet n-notifika ghas-smiegh dixxiplinarju;

14. Illi r-rikorrenti nstabet hatja tal-offiza hawn fuq imsemmija, migjuba kontriha, hekk kif jidher mid-decizjoni tal-Bord dixxiplinarju hawn annessa u mmarkata bhala **Dok MPT 22**;

15. Illi in vista tan-numru sostanzjali ta' *warnings* fil-*performance record sheet* tar-rikorrenti, illi minkejja l-fatt li r-rikorrenti nghatat iktar *emergency leave* milli kienet intitolata ghalih hi naqset milli tipprezenta zewg noti t'emergenza, kif ukoll in vista ta' dina d-decizjoni hawn fuq imsemmija tal-Bord dixxiplinarju, is-socjeta' ntimata ddecidiet illi la darba kien hemm sejba

ta’ htija ta’ *Gross Misconduct* mill-Bord dixxiplinarju indipendenti, is-socjeta’ ntimata ma kellha l-ebda ghazla ohra hlief illi tittermina l-impjieg tar-rikorrenti permezz ta’ *letter of dismissal* datata is-17 t’Ottubru 2018, hawn annessa u mmarkata bhala **Dok MPT 23**;

16. Illi s-socjeta’ ntimata tissottometti umilment illi hija ma tista’ qatt taccetta din it-tip ta’ mgieba mill-impjegati taghha u l-insubordinament tal-impjegati ghall-ordnijiet moghtija lilhom. Illi huwa proprju dan it-tip ta’ agir irresponsabbli u traskurat illi jaghti reputazzjoni hazina lis-socjeta’ ntimata, jikkawza danni ngenti u telf ta’ hin lill-klijentela u jwassal sabiex s-socjeta’ ntimata ssofri multi imposti fuqha minn Transport Malta;

17. Illi ghalhekk s-socjeta’ ntimata tissottometti illi d-decizjoni li r-rikorrenti titkecca kienet wahda gustifikata u proporzjonata fid-dawl tal-akkadut, liema decizjoni ttiehdet wara li nghata cans lill-impjegata tikkoregi l-agir taghha darba, darbtejn, tlieta u wara li nghatat ic-cans li tispega ruhha u taghti l-verzjoni taghha skont il-procedura stabbilita fil-Ftehim Kollettiv;

Ghaldaqstant u in vista tas-suespost is-socjeta’ ntimata tirrespengi bis-sahha kollha u fl-intier taghhom l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti bhala nfondatti fil-fatt u fid-dritt u dan stante illi t-tkeccija tar-rikorrenti saret ghall-raguni gusta u sufficjenti ai termini tal-Kap 452 tal-Ligiet ta’Malta u in vista ta’dan it-talbiet tar-rikorrenti ghadhom jigu michuda, bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Ra x-xhieda prodotta mill-partijiet.

Ra l-affidavits prodotti.

Ra d-dokumenti esebiti mill-partijiet.

Ra n-noti ta’ sottomissjonijiet finali mressqa mis-socjeta’ ntimata u t-trattazzjoni orali tar-rikorrenti.

Ra li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

## 2. Fatti fil-Qosor

Ir-rikorrenti kienet impjegata mas-socjeta’ ntimata permezz ta’ kuntratt datat 24 t’Awissu 2016. Ir-rikorrenti kellha 5 warnings attivi fil-performance record datati 15 t’April 2017, 16 t’April 2017, 17 t’April 2017, 20 t’April 2017 u 22 t’April 2017. Fit-2 t’Ottubru 2018, is-socjeta’ ntimata harget ‘Charge letter for Gross Misconduct Offence’ u dan minhabba li ghal jumejn u cioe’ fit-13 u fl-14 ta’ Settembru 2018 hija naqset li tipprovdi emergency note, li hija offiza skont il-Malta Public Transport Policies and Procedure or Collective Agreement: Negligence which results in major damages to the Company,” fejn il-Bord ta’ Dixxiplina hekk kif kompost sabha hatja u tkecciet. Ir-rikorrenti appellat permezz tar-rapprezentant taghha tal-Union Haddiema Maghqudin liema appell ma giex milqugh u qed issostni li t-tkeccja taghha kienet ingusta u minghajr raguni valida u dan minhabba illi d-decizjoni tal-kumpanija kienet drastika u sproporzjonata.

## 3. Xhieda

Ra x-xhieda ta' **Joe Simiana**[3] li l-kariga tieghu hija ta' Deputy Operations Services mall-kumpanija. Ir-rikorrenti kienet iffirmat kuntratt ta' mpjieg fl-24 t'Awissu 2016 u damet tahdem mall-istess socjeta' xi sentejn u nofs, u cioe' giet itterminata fis-17 t'Ottubru 2018. Spjega illi l-Performance Record jikkonsisti fil-kazijiet li jkollhom ta' kull individwu. F'dan il-kaz ta' Josephine Galea hemm indikat kemm-il darba kienet mghajjta ghad-dixxiplina u l-penali li kienet inghatat, fejn spjega l-Performance Record x'tghid. L-ewwel kaxxa hija d-data tal-offiza 10 ta' Jannar 2017 fejn cemplet sick 5 minuti qabel ma bdiet ix-xoghol, u kienet inghatat written warning u kien hemm penali mahruga minn Joseph Farrugia, li dak iz-zmien kien jahdem mall-kumpanija. F'dan id-dokument jitnizzel kull haga li tinqala' u tmur kontra l-Ftehim Kollettiv u l-agreement fejn jinhargu charge letters u jaghtu c-cans lill-persuna li taghti gustifikazzjoni. Wara jwiznuha u jaraw jekk humiex hatja jew le. Ir-rikorrenti kellha 8 warnings, li minnhom kien hemm hamsa li kienu attivi, li kienu tal-25 t'April 2017, tat-22 ta' Gunju 2017, tal-11 ta' Gunju 2018, tal-20 ta' Gunju 2018, u tal-21 t'Awissu 2018. Skont il-ftehim kollettiv ghandhom verbal warnings, misconducts u gross misconducts. Il-verbal warnings huma affarijiet li jkunu minor hafna u huma ndikati fil-Ftehim Kollettiv, misconducts jitilghu skont il-gravita' tal-kaz u kif jinqabzu zewg warnings li jkunu effettivi jigu meqjusa bhala gross-misconduct. Meta jinghataw warnings johorgu charge letters li jkollhom id-dritt li jirrispondu l-istess charge letter fi zmien sebat ijiem bil-miktub u tkun indirizzata lill-Human Resources. Ir-rikorrenti ma kinitx irrispondiet ghal charge letter li kienet inharget fil-25 t'April 2017 u fil-fatt kienet inharget written warning, li kienet l-ewwel wahda. Kellha incident b'tal-linja fit-2 ta' Gunju fejn skidjat u dahlet f'vettura ohra minn wara fejn regghet ma rrispondietx ghac-charge u nharget written warning. Kien hemm incident iehor fejn laqtet il-mera ma arblu u regghet ma rrispondietx ghac-charge letter u nharget written warning ohra. Fid-19 ta' Gunju kellha rotta u waslet 20 minuta tard bil-konsegwenza li r-rotta ma saritx fil-hin, u kellhom isibu persuna ohra sabiex taghmel ir-rotta, li tkun overtime. Il-contractual agreement li ghandhom ma' Transport Malta jghid li t-trips iridu jsiru kollha fil-hin jekk jista' jkun. Hafna mir-rotot li ma jsirux u ma jkunx hemm raguni valida bhal traffiku, jehlu l-multi fuqhom. Dan il-kaz kien wiehed minnhom. F'dak il-kaz ir-rikorrenti regghet naqset milli taghti spjega u nharget written warning ohra. Fl-20 t'Awissu 2018, ir-rikorrenti kienet irrapportat sick. Il-kumpanija tibghat lit-tabib taghha biex jikkonferma jekk il-persuna tkunx verament sick u kemm ser tinghata granet tas-sick. Meta mar it-tabib tal-kumpanija irrapporta li ma kinitx marida u ma setax jiccertifikaha u kien baghat e-mail lill-kumpanija. F'dak il-kaz rega' nhareg charge iehor u hija ma rrispondietx fejn ipprocedew ghal written warning ohra.

Copy of Emergency Leave Log jirrifletti l-25 siegha Emergency Leave li mpjegat jiehu skont il-Ftehim Kollettiv. Dan jintuza meta jkun hemm xi haga ta' emergenza, bhal tkun qieghed fuq il-post tax-xoghol jew tkun sejjer fuq il-post tax-xoghol u jinqalalek incident jew xi haga ohra li ma tkunx tista' tmur ghax-xoghol, jinqala' mard fil-familja, jkun irid jitlaq mix-xoghol ghax inqala' xi haga u x-xufier jitlob sabiex jiehu xi sighat minn dan l-emergency leave. Meta xufier icempel ghall-Emergency Leave, dan jinghata mill-ewwel, izda wara jridu jiehdu konferma jew tip ta' prova fuq dak mitlub ghall-Emergency Leave. Dan ikun imhallas. Ir-rikorrenti hadet iktar minn 25 siegha emergency leave, fejn f'granet minnhom hadet anke 8 sighat. Meta jinqabzu l-25 siegha mbaghad jittiehdu mil-leave taghhom. Jekk ma jiehdux ir-raguni, ghall-kumpanija tigi absent.[4]

Fil-kaz tal-ahhar charge li harget fil-konfront tar-rikorrenti, hija kellha aktar minn 2 misconducts li kienu attivi, fejn inhargitilha charge letter – gross misconduct offence, fejn fiha ntbghatet informazzjoni, li l-kumpanija ser tipprocedi bi gross misconduct u kien hemm spjegazzjoni tac-charge, senjatament "The Charge has come to the company attention that on the 13th September and 14th September, you failed to provide Emergency Note. This is an offence as Malta Public Transport policy

[3] Fol 79 et seq tal-process, xhieda datata 25 ta' Marzu 2019.
[4] A fol 97 et seq tal-process; xhieda datata 29 ta' April 2019

and procedures.” Kien hemm avviz li ser isir Disciplinary Hearing u d-dettalji ta’ data u hin jintbaghat iktar tard f’ittra separata.

Dan il-process jintemxxa minn Chairman li jkun persuna ndipendenti, li f’dan il-kaz kien Dr Victor Scerri u zewg membri. Ikun hemm il-minuti tal-Bord tad-Dixxiplina li jittiehdu minn Dr. Michael Agius. Meta jsir il-Bord, hemm Disciplinary Hearing Form li fiha jkun hemm, jekk il-persuna kontra min qed issir il-Gross Misconduct Charge tkunx qed tifhem ghaliex tinsab quddiem il-Bord ta’ Dixxiplina u din timtela mic-Chairman. Jekk l-impjegat jidher ghas-seduta wahdu, jikkonferma jekk ikunx irid ikun wahdu jew inkella jkunx irid ikun assistit u jikkonferma jekk iriciviex l-ittra tac-Charge u l-ittra sussegwenti li tkun intbaghtet. Ic-Chairman jibghat ir-rapport tal-Bord ta’ Dixxiplina fejn ikun hemm spjegazzjoni ta’ dak li gara waqt is-smiegh fejn f’dan il-kaz instabet hatja. Imbaghad tinbtaghat ittra li hija Letter of Dismissal min-naha tal-Human Resources f’dan il-kaz, fis-17 t’Ottubru. Xogholu huwa li jipprepara l-kaz, igib l-evidenza kollha u jsemmiha quddiem il-Bord.

Impjegati bhar-rikorrenti jigu terminati ghaliex ikollhom iktar minn kaz wiehed li jkunu kellmuhom dwarhom u jkun hemm iktar minn tlett warnings.

Dan il-process kien wasal s’hawn ghaliex ir-rikorrenti kienet qed tiehu l-emergency leave ripetutament u ma kinitx qed iggib il-prova taghha. Meta kienet iggib il-prova tard il-kumpanija kienet taccettaha. F’dan il-kaz hija naqset milli tipproduci l-evidenza ta’ jumejn. Min-naha tal-kumpanija meta raw li r-rikorrenti kienet waslet ghas-sitt warning, raw li ghalkemm kienu kellmuha sabiex dawn l-affarijiet ma jibqghux jirrepetu ruhhom, baqghu jigu ripetuti.

Meta hareg warning dwar incident li kellha li habtet ma’ bowser jew trakk iehor ma jiftakarx jekk ir-raguni li tat kienet ghax il-brake ma zammx. Li jaf hu li meta jkollhom accident, il-procedura tal-kumpanija hija li mmedjatament wara t-trakkijiet ikunu jridu jigu rrangati, fejn it-trakk jitla’ mmedjatament l-Engineering u jaghmlulu brake test.

Fir-rigward tal-procedura tal-flus li jridu jigu depozitati, dawn iridu jigu depozitati dakinhar stess. Il-Kumpanija tkun trid taghmel reconciliation tal-flus kollha u din issir kuljum, skont l-income li jkunu ghamlu mit-trakkijiet u jaraw kemm kellhom jiddepositaw l-impjegati u kemm fil-fatt jkunu ddepositaw. L-ammonti bi ftit ftit jitilghu eluf. Fil-Ftehim Kollettiv hemm illi jekk ma jigux depositati fi zmien 24 siegha, jistghu johorgulhom charge. F’dan il-kaz huwa stess kien cempel lir-Rikorrenti sabiex tiddeposita l-flus. Din issir ta’ spiss u c-charge tohrog wara li jekk icemplu mil-kumpanija l-flus jibqghu ma jigux depositati. Inharget ic-charge ghaliex hija ma ddepositatx ezatt wara t-telefonata mill-kumpanija u ghalhekk kellu jcemplilha huwa ghaliex marru jghidulu li ghalkemm qed icemplulha hija baqghet ma ddepositatx il-flus.

Il-procedura tal-kumpanija hija li l-warnings ikunu ffirmati bhala prova li jkun l-persuna li kontriha harget ic-charge ikun raha. Hemm warning ta’ meta kellha l-accident bit-trakk li ma huwiex iffirmat mir-rikorrenti ghaliex ma kinitx marret tiffirmah. Wara kienet harget bl-injury leave u damet sena biex regghet dahlet ghax-xoghol.

Fir-rigward taz-zewg kazi tal-emergency leave li hadet u ma gabitx prova dwaru kienu, l-ewwel wiehed ghax it-tifla taghha li tahdem mall-kumpanija waqghet u wegghat fuq il-post tax-xoghol, harget b’injury u r-rikorrenti riedet tmur maghha ghand it-tabib, it-tieni gurnata wara li wegghet, ma marritx ghax-xoghol gurnata shiha u ma qalitx x’kienet ir-raguni. It-tieni darba riedet tmur ghat-tifel tat-tifla taghha, li kienet harget bl-injury.

Il-fatt li ma ggibx Emergency Note darba, ikun minor misconduct. Fic-charge letter datata 2 t'Ottubru 2018 hija dwar nuqqas milli ggib emergency note f'zewg istanzi u li kien gross misconduct. Ic-charge letter tinkiteb mill-Human Resources.

Ra x-xhieda ta' **Roderick Bajada**[5] li l-kariga tieghu hija ta Human Resources Director u ilu jokkupa din il-kariga minn Marzu 2015. Huwa ma jidholx fil-process ta' dixxiplina u l-involviment tieghu jibda meta jircievi d-decizjoni ta' htija jew le mic-Chairman tal-Bord ta' Dixxiplina. F'dan il-kaz ir-rapport tal-Bord ta' Dixxiplina jghid 'The Board finds the accused guilty as charged.' Minn hemm il-kumpanija taghti l-penali skont il-verdett. It-Termination Letter tkun intbghatet u ffirmata minnu wara li jkunu raw id-decizjoni tal-Bord ta' Dixxiplina u r-records tal-impjegata. Il-kumpanija jikkonsulta mad-direttur tad-dipartiment ikkoncernat, u fil-fatt id-decizjoni finali hija tad-direttur tad-dipartiment. Huwa jkun mgharraf biha. Hu jidhol fil-process wara li jsir l-appell mill-persuna akkuzata.

Fil-kaz tar-rikorrenti t-tkeccija hija minhabba l-gross misconduct. Il-kumpanija ghandha diversi penali li tista' taghti bhal suspension without pay. Ic-charge letter harget minhabba li "it has come to the company's attention that in the 13th September and 14th September you failed to provide an Emergency note". Il-Ftehim Kollettiv jghid ukoll li hemm numru ta' misconducts li jigu mbaghad jigu gross misconduct. F'ghajnejn il-kumpanija, la ma gietx provduta l-emergency note tigi meqjusa bhala unauthorised absence u ghalhekk hija gross misconduct. It-terminazzjoni principalment kienet fuq il-gross misconduct pero' fi kwalunkwe process ta' dixxiplina l-employer dejjem jara r-record tal-impjegat sabiex jara l-penali finali. Jekk ma jkollok xejn l-employer jista' jghid li flok tkeccija jkun hemm sospensjoni. Ma jiftakarx jekk iriciviex l-appell stante li hemm ma' 1,400 impjegat izda la hemm ismu fuq l-appell il-probabilita' hija li rcevieh.

Ra x-xhieda ta' **Dr. Michael Agius**[6] li ghandu l-irwol ta' Judicial Representative mall-kumpanija. Huwa jaghmel zewg affarijiet, u cioe' jidher f'isem il-kumpanija fit-Tribunal Industrijali jew fil-Prim'Awla jew tal-Magistrati meta jkun hemm materja li ghandha x'taqsam direttament mall-imjegati kif ukoll inkun prezenti waqt is-seduti tal-Bord tad-Dixxiplina u jiehu l-minuti, u jara li l-procedura timxi kif suppost u skont il-Ftehim Kollettiv.

Huwa ha l-minuti tal-Bord tad-Dixxiplina fil-konfront tar-rikorrenti, u kif jaghmel fil-Bordijiet kollha ghamel lista ta' min kien prezenti, kiteb l-isem tal-impjegata u l-PIN number halli jkunu jafu bic-cert il-persuna min hi, id-dati tal-incidenti u l-materji li jkunu qeghdin jigu diskussi u c-charge letter date. Jaghmel ukoll minuta ta' min ikun prezenti jekk ikun hemm xi hadd mill-Union, li f'dan il-kaz kien Raymond Briffa tal-Union Haddiema Maqghudin. Jaghmel lista generalment x'jigri, jibda mill-offiza li tkun fuq ix-Charge Letter biex jaraw fuq xiex ser jiddiskutu f'dik is-seduta partikolari, imbaghad ghandhom formula li jimliha c-Chairperson, f'dan il-kaz kien Dr. Victor Scerri. Joe Simiana qara c-charge minhabba li r-rikorrenti kienet xufiera u ghalhekk kienet taqa tahtu, imbaghad il-kumpanija pprezentat l-provi li kellha. Generalment tibda billi turi l-Performance Record Sheet biex jaraw l-impjegati kellhomx xi offizi ohrajn, jekk kienux gross misconducts ukoll jew misconducts. Imbaghad jghaddu fir-rigward tac-charge letter li jkun hemm il-Bord ta' Dixxiplina fuqha. Huwa m'ghandux involviment fid-decizjoni imma jkollu biss ic-chairperson. Ic-chairman ikun mghzul bi qbil mal-Union. Hemm tnejn li qablu fuqhom u dawn ikun random u jkunu chairpersons skont l-availabilty. Il-kumpanija tintrabat mad-decizjoni tac-Chairperson imbaghad l-akkuzat jista jappella. Hu ma jidholx fl-istadju tal-appell. Ic-Chairperson jghid biss jekk l-akkuzat ikunx hati jew le u bhala penali johroghom Roderick Bajada bhala Direttur tal-Human Resources.

---

[5] A fol 120 et seq tal-process; datata 29 ta' April 2019.
[6] A fol 138 et seq tal-process; datata 27 ta' Mejju 2019.

Ra x-xhieda ta' **Victoria Desira**[7] li tahdem fid-dipartiment tal-Human Resources tal-kumpanija. Ghandhom dixxiplina li tinqasam f'minor, misconduct u gross, li huma skont il-Ftehim Kollettiv. Bordijiet ta' Dixxiplina jsiru biss meta jkun hemm gross misconducts. Fejn ikun minor jew misconduct tohrog charge letter fejn l-akkuzat ikollu c-cans iwiegeb u l-kumpanija tkun tista tiehu decizjoni. Fil-kaz ta' gross misconduct ikun hemm bord ta' dixxiplina li jkun kompost minn Chairperson indipendenti, ikun hemm rappresentant min-naha tal-kumpanija u l-impjegat ikollu dritt li jkun rappresentat ukoll. Ic-Chairperson jaghti id-decizjoni tieghu bil-miktub u x'hin tasal ghand is-Services Director jiehu decizjoni ta' penali. F'kaz illi id-Direttur jiehu decizjoni li l-impjegat jigi ttermiant tinhareg id-Dismissal Letter. Din l-ittra tigi ffirmata mid-Direttur tal-Human Resources u maghha jkun hemm kopja tal-outcome tal-Bord ta' Dixxiplina. Wara t-terminazzjoni kull impjegat ikollu dritt ta' appell.

Ir-rikorrenti naqset milli tipprovdi Emergency Note ghat-13 u l-14 ta' Settembru 2018. L-akkuza harget bhala gross u mhux bhala misconduct ghaliex fuq il-Performance Record jekk impjegat/a jkollhom aktar minn zewg misconducts li jkunu ghadhom attivi, t-tielet misconduct tigi gross misconduct. Din qieghda fil-Ftehim Kollettiv. F'dan il-kaz instabet hatja, nharget Letter of Dismissal, u r-rikorrenti ghamlet appell permezz tal-Union UHM. Ir-risposta min-naha tal-kumpanija, li twegibhom hija bhala HR Manager, f'dan il-kaz il-kumpanija wara li regghet rat il-kaz informat lill-impjegata li t-terminazzjoni ser tibqa' effettiva. Id-decizjoni johodha l-HR Director u hija tibghat id-decizjoni.

Il-gross dejjem tohrog fuq l-offiza li jkun wettaq l-impjegat. Fuq li jkun gara qabel ikun hemm gja akkuzi li jkunu gew risposti. Din, the last straw, huwa l-kaz imnizzel fil-gross misconduct u dan gie diskuss waqt is-seduta. Li ma pprovditx Emergency Note huwa misconduct, pero' fil-Ftehim Kollettiv huwa specifikat u hemm klawsola li tghid li jekk impjegat ikollu iktar minn zewg misconducts effettivi, it-tielet wahda ma ttinharigx bhala misconduct izda bhala gross. Fil-kaz tar-rikorrenti, l-Performance Record juri li kellha hames kazijiet li kienu ghadhom kollha attivi bhala misconducts. B'dan ir-ragunament il-kumpanija provdiet dejjem skont il-klawsola fil-Ftehim Kollettiv li din tohrogha bhala gross. L-impjegat fil-bidu tas-seduta dejjem jigi muri l-Performance Record tieghu, mill-persuna li tirraprezenta l-kumpanija.

Din l-informazzjoni ma tinghatax meta tinhareg mac-Charge Letter u tinghata dakinhar meta jkun hemm is-seduta ghaliex dak huwa l-process. Hija temmen ukoll li kull misconduct warning li johrog lill-impjegat, irid jiffirmah u jaghmillu data, gifieri fl-ahhar mill-ahhar kull impjegat ikun jaf kemm qala warnings. Jista' jkun il-kaz li jkun hemm warnings li ma jkunux iffirmati.

Ra l-affidavit ta' **Josephine Galea**[8] fejn qalet li kienet impjegata ma' Malta Public Transport Services (Operations) Ltd bhala xufier mill-24 t'Awissu 2016. It-tifla taghha kienet tahdem bhalha u mall-istess kumpanija. Hija kellha bzonn tghin lit-tifla bit-tfal taghha, u kienu ghamluha cara mall-kumpanija li huma ma setghux jahdmu l-istess shift u kienu accettawha verbalment. Biex dan sehh, it-tifla kellha taqleb bhala part-timer, sakemm irrangatilhom il-kumpanija. Hija ghandha tifel bi bzonnijiet specjali u jekk icemplulha mill-iskola jkollha tmur ghalih mill-ewwel. Victoria Desira, l-HR Manager kienet qaltilha li biex taghmel dan ikollha bzonn tieghu l-emergency leave.

Fir-rigward tal-warning tal-11 ta' Mejju 2017 fejn ma kinitx iddepozitat il-flus li kienet gabret qalet li dawn il-flus kienet iddepozitathom l-ghada u dan minhabba raguni ta' hinijiet stretti. Minkejja li kien hemm miktub li kien it-tieni warning, ma taf liema kien l-ewwel wiehed stante li lanqas gie pprezentat.

---

[7] A fol 145 et seq tal-process; datata 27 ta' Mejju 2019.
[8] A fol 179 et seq tal-process.

Fir-rigward tal-warning tal-10 ta' Lulju 2017, it-tort tal-incident ma kienx taghha u dan peress li kien hemm difett fil-brake tal-vettura li kienet qed issuq u b'rizultat ta' dak l-incident hija kienet wegghet. Il-warning ma kienx iffirmat minnha. Taf ukoll li bl-istess vettura, kien hemm incident simili.

Fir-rigward tal-warning tal-25 ta' Gunju 2018, l-incident ma kienx gravi, kemm laqtet il-mera, fi triq dejqa.

Fir-rigward tal-warning tad-9 ta' Lulju 2018, hija kienet ghaxar minuti tard u mhux ghoxrin u l-vjagg ghamlitu hija stess.

Fir-rigward tal-warning tal-10 ta' Settembru 2019, ma marritx ghax-xoghol ghax hassitha storduta u kien ahjar li ma ssuqx minhabba raguni ta' sigurta'. It-tabib ma kienx iccertifikaha bhala sick.

Fir-rigward tar-raguni ghat-tkeccija, f'Settembru 2018, it-tifla taghha kellha incident fuq il-post tax-xoghol fejn wegghet idha. Kellha tarbija ta' ftit xhur u minhabba li kellha idha fil-gibs ma setghetx tiehu hsiebu sew. Sakemm sabet soluzzjoni u ghamlet arrangamenti min ser jibda jiehdu c-childcare, kienet hadet jumejn emergency leave u meta dahlet lura ghax-xoghol aljenat rasha u nesiet taghti l-emergency note lill-kumpanija. Il-kumpanija kienet taf x'gara u ghalfejn kellha tiehu l-leave peress li kemm hi u kemm it-tifla kienu jahdmu fid-depot tal-Furjana.

Meta harget ic-charge letter kienet kellmet lil Union sabiex jirraprezentawha. Kien minghalihom li l-kumpanija kienet qed tikkunsidra li tkecciha minhabba li ma pprezentatx l-emergency note u nfatti l-Union kienet irrapprezentata fuq hekk. Anke l-appell kien fuq l-emergency note biss. Meta giet imkeccija kien minghaliha li tkecciet habba f'hekk, izda l-kumpanija waqt dawn il-proceduri, qaltilha li tkecciet minhabba li kellha iktar warnings qabel dan l-incident. Ma jidhriliex li l-fatt li ma pprezentatx l-emergency note kellu jigi kkunsidrat bhala gross misconduct ghax dan ma kienx xi nuqqas serju min-naha taghha. Lanqas il-warnings li kellha qabel ma kienu fuq affarijiet serji jew relatati ma xulxin.

Ra l-kontro-ezami ta' **Josephine Galea**[9] fejn qalet illi meta l-flus ma gewx depozitati fil-gurnata kienet dejjem iddepositathom l-ghada. Fir-rigward tal-warning li qieghda fuq li ma ddepozitatx il-flus fiz-zmien 24 siegha hekk kif stipulat fil-Ftehim Kollettiv, f'diversi granet, hija ffirmat l-warning ghaliex hija kienet tiddepostahom meta kien ikun imissha s-shift u ghalkemm kien ikun l-ghada kienet taqbez l-24 siegha. Kienet tkun problema biex hija tiddepositahom sabiex wara s-shift ghaliex it-tifla taghha kienet tahdem maghha u ghalkemm kienu jahdmu s-shiftijiet ta' kontra xulxin, bejniethom kien ikun hemm hin ta' madwar siegha u nofs biex tigbor lit-tifel taghha bi bzonnijiet specjali. Hija ma tafx li kellha hames warnings attivi. Fl-accident taghha tiftakar li ghafset il-breakijiet u ma zammewx. Fir-rigward tal-incident li sehh Hal Tarxien tat spjegazzjoni. Fir-rigward tar-raba' wahda, waslet tard izda l-vjagg sar xorta. Peress li lix-xufiera jsejhulhom kwarta qabel il-vjagg hija xorta kienet fil-hin. Ma baqghetx tikkontesta l-warnings ghax jaqghu fuq widnejn torrox u ghalhekk bdiet tiffirmahom. Spjegat li meta tiffirma ma tiffirmax ghax tkun qbilt mal-warning izda kienu jghidulhom biex jiffirmaw li hadu l-karta. Meta kienu jipprezentawlha c-charge letter kienu jghidulha iffirmaha halli l-ufficju jkunu jafu li rcivejt ic-charge letter, imbaghad jekk tikkontestahiex kienet tkun problema taghha.
Meta mar it-tabib, kienet qaltlu li hija storduta u kien qalilha li ghaliex hija storduta ma jfissirx li ma tidholx ghax-xoghol.

Taf li l-emergency leave kien ta' 25 siegha. Qabel ma ffirmat il-kuntratt biex tibda tahdem mal-kumpanija, kienet qaltilhom li ghandha tifel bi bzonnijiet specjali u malli jcemplulha mill-iskola trid titlaq. Kienu qalulha li ma tkunx problema, kemm iccempel id-depot u kien jibdilha xi hadd. Kieku ma kinitx tiffirma l-kuntratt. Jekk hadet 50 siegha, dawn gew maqtugha mil-leave taghha.

---

[9] A fol 200 et seq tal-process; datata 24 ta' Frar 2020.

Fid-darbtejn li ma haditx l-Emergency Note, fit-13 u l-14 spejgat li t-tifla taghha li tahdem mall-istess kumpanija kellha ncident maghhom. Hija kellha tarbija, u hadd ma seta' jiehu hsiebha hlief ir-rikorrenti sakemm irrangat xi affarijiet ohra biex tiehu hsiebha bintha. Kienet taf li kellha warnings ohra izda ma kinitx taf li x'jghid il-Ftehim Kolletiv. Barra minn hekk taf li wara sena warning taqa' u ma kinitx taf li ghad kellha pendenti. Meta telghu ghall-Bord ta' Dixxiplina fuq l-Emergency Note biss tkellmu u ssemmewx warnings ohra. Urewha biss dokument tal-Emergency Leave.

Ra x-xhieda ta' **Kenneth Abela**[10] fejn qal li l-kariga tieghu mall-UHM Voice of the Workers huwa ta' Employment Relations Manager, u jmexxi t-taqsima Port u Trasport li fiha ghandu diversi haddiema inkluz tal-Malta Public Transport. Jekk impjegata tfittex l-assitenza taghhom ikun hemm nies li jistghu jitilghu maghha fil-Bordijiet ta' Dixxiplina. Jekk ma jkunx gross misconduct anke jwiegbu c-charge letters u sahansitra jaghmlu appelli, kif ukoll jifthu kazijiet quddiem it-Tribunal Industrijali. Kull impjegat li jmur ghandhom, ikollu ragun jew le, jidhlu ghalih. Fil-kaz tar-rikorrenti kien tela' maghha Raymond Briffa. Huma telghu f'Bordijiet ta' Dixxiplina maghmulha mill-kumpanija u huma familjari mall-proceduri.

F'dan il-kaz Ray Briffa jkun tkellem mall-impjegata. Hu meta jkollu kaz li jaghmel jiltaqa' mall-impjegata, tghidlu x'gara u xi tkun ir-raguni ta' dak li tkun ghamlet u minhekk jaghmel pjan ta' difiza. Fuq gross misconduct, fic-charge letter suppost ikun hemm l-akkuza, liema klawsoli tal-Ftehim Kollettiv tkun kisret u x'tista tkun il-piena fl-ahhar. Imbaghad l-impjegata tircievi ittra bl-appuntament tas-seduta. Tinfurmahom bis-seduta u jitilghu.
L-offizi mnizzlin fil-Ftehim Kollettiv gew maqbula bejn il-union u l-kumpanija fis-sena 2016. Hemm ohrajn li ma jkunux imnizzlin ghax dejjem ikun hemm ir-remit ta' any other offence li jista' jkun hemm.

Fir-rigward tar-rikorrenti, meta dar l-appell li ghamel, deher li l-kaz kien li hija wzat emergency leave u ma tatx evidenza ghaliex intuza l-emergency leave. Ra li ghax persuna ma tkunx hadet fil-hin id-dokumentazzjoni ghall-emergency leave kienet eccessiva. Jekk wiehed jara n-numri tal-offizi, taht minor offence, taht misconconduct u taht gross misconduct tara li jekk tipprova tqabbel u tizen, ma jahsibx li kellha taqa' taht gross misconduct.

Kien kiteb l-appell skont dak li qallu Ray li gara fid-dixxiplina. Il-prassi hija li jkun hemm seduta, ic-Chairman tal-Bord tad-Dixxiplina johrog lid-decizjoni, jikkomunika lill-kumpanija u l-kumpanija tikkomunikaha lill-impjegata. Meta ccekkja, ghax kien nizzel nota, risposta li kienu wiegbu fil-bidu ta' 2017 qabel dan il-kaz, li kienet fuq xi haga simili, fejn kellha bzonn emergency leave u l-kumpanija baghtulha li ma baghtitx. L-unika haga li kellu f'idu qabel l-appell, minhabba li l-Ftehim Kollettiv jghid li jekk wiehed ikollu tlett misconducts jista' jitqies bhala gross u tlett minor offences jistghu jitqiesu flimkien f'inqas minn sena jistghu jitqiesu bhala misconducts u jidher li kienu wiegbu fil-bidu tas-sena 2017. Pero' l-Union kienet wiegbet fuq kaz iehor zgur. Dak iz-zmien ikun iccekkja ghax li kieku kellha 3 misconducts ohra kien jaghmel sens ghaliex il-Ftehim Kollettiv qed joffri ghalfejn imorru ghal gross misconduct. Hu ma kellu xejn u ghalhekk ma setax jivverfika.

Meta muri charge letter ta' gross misconduct li harget fit-2 t'Ottubru 2018, li kienet li bejn it-13 ta' Settembru u l-14 ta' Settembru 2018 allegatament naqqset milli tiehu note ta' Emergency Leave. Biex jittiehed Emergency Leave, impjegat irid javza li jkollu bzonnu, mbaghad jiehu nota, li tkun tip ta' prova li vera jkollu kellu bzonnu. Jista' jittiehed sa hamsa u ghoxrin siegha. Ma ccekkjax jekk ir-rikorrenti eccedietx is-sieghat li kellha tiehu ghall-Emergency Leave, minhabba li ma kinitx mertu tac-charge. Li jaf li dan il-kaz kien li r-rikorrenti hadet Emergency Leave u ma haditx nota. Huwa ghamel l-appell fuq dak li kien hemm imnizzel fic-charge.

[10] A fol 181 et seq tal-process; datata 18 ta' Novembru 2019.

Ra x-xhieda ta' **Raymond Briffa**[11] li hu xufier mall-kumpanija u jirraprezenta lill-UHM. Huwa tela' jiddefendi lir-rikorrenti fil-Bord ta' Dixxiplina. Skont ic-charge letter hija ma kinitx ipprezentat l-Emergency Note meta hadet l-Emergency Leave u huwa kien qalilha sabiex tiehu l-cover note (li tghid ir-raguni tal-emergency leave) biex tipprezentaha lill-kumpanija. Jekk ma huwiex sejjer zball kienet fuq xi tifel. Wara l-kaz ma baqax involut. Ma jafx meta pprezentat in-nota u jekk ma huwiex sejjer zball ipprezentat certifikat minn skola. Fl-emergency leave xufier jista jcempel sa hames minuti qabel u suppost ikun hemm 25 xufier stand-by. Meta jitla' jiddefendi mpjegat huwa jimxi fuq id-dati li hemm fic-charge sheet. Ma jiftakarx jekk il-kumpanija pprezentatx il-performance record sheet fis-seduta. Meta gie muri l-performance record sheet tar-rikorrenti huwa qal li l-ewwel darba li qed jara wahda bhala kemm fil-konfront tar-rikorrenti, kif ukoll ta' xufiera ohra.

## 4. Trattazzjoni tal-partijiet

Ra n-nota tas-sottomissjonijiet tas-socjeta' ntimata[12] li permezz taghha ssottometiet li r-rikorrenti kellha storja ta' dixxiplina twila fejn hargu 8 warnings u dan bi ksur tal-fiducja shiha li s-socjeta' ntimata kient uriet fil-konfront taghha. Meta l-impjieg taghha gie tterminat, hija kellha 5 written warnings li kienu ghadhom attivi. L-ahhar offiza dixxiplinarja kienet li hija naqset li tipprovdi nota li tiggustifika t-tehid tal-emergency leave. Inharget charge letter ghal Gross Misconduct Offence u ghaddiet process dixxiplinarju. Matul dan il-process hija nghatat smiegh xieraq u cans adegwat li tispjega ruhha u tiggustifika n-nuqqasijiet taghha. Ghalhekk la darba kien hemm is-sejbin ta' htija, s-socjeta' ntimata ma kellhiex ghazla ohra hlief tittermina l-impjieg tar-rikorrenti. Mix-xhieda tar-rikorrenti jirrizulta li r-rikorrenti kienet konxja tad-drittijiet moghtija lilha u tal-policies u procedure fil-Ftehim Kollettiv. Kienet taf ukoll li setghet tikkontesta l-warnings izda ghazlet li ma tikkontestahomx.

Fir-rigward tal-performance record sheet jekk gietx ipprezentata waqt il-Bord tad-Dixxiplina, is-socjeta' ntimata qed tghid li iva filwaqt li r-rikorrenti qed tghid li ma gietx ipprezentata. Fejn ikun hemm verzjonijiet kunfliggenti, t-Tribunal Industrijali ghandu japplika l-principju fejn l-oneru u l-grad ta' prova m'ghandhomx ikunu fuq bazi ta' "beyond reasonable doubt" izda ghandhom ikunu fuq "bilanc ta' probabilitajiet".

Ir-rikorrenti nghatat diversi sinjali minghand il-management sabiex tbiddel l-ghemil taghha qabel ma jkollha taffacja konsegwenzi li jmorru oltre minn twiddiba semplici.

It-tkeccija tar-rikorrenti saret ghal-raguni gusta u sufficjenti u saret ghal ragunijiet li tahti ghalihom biss ir-rikorrenti. Gie stabilit kemm f'kazistika Ingliza kif ukoll gurisprudenza lokali, illi difett jew vizzju fil-procedura mhux necessarjament jivvizja tkeccija, specjalment meta san il-vizzju fil-procedura ma kienx ser jaghmel differenza ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Fir-rigward tal-kumpens, ir-rikorrenti ma gabet l-ebda prova ta' telf, spejjez jew danni nkorsi minnha.

Sema t-trattazzjoni tar-rikorrenti[13] li qal li t-Tribunal kemm-il darba qal li tkeccija fil-kamp tal-impjieg qisha kundanna tal-mewt meta nitkellmu fuq impjegat. L-iktar punt importanti meta nitkellmu fuq procedura huwa d-dritt li tiddefendi lilek innifsek, u ghaldaqstant ghandu jkun car b'dak li int qed tigi akkuzat ghax inkella la inti u lanqas ir-rapprezentant tieghek ma jistghu ihejju kaz tajjeb jekk lanqas taf biex qed tigi akkuzat.

---

[11] A fol 188 et seq tal-process; datata 18 ta Novembru 2019.
[12] A fol 211 et seq tal-process.
[13] A fol 222 et seq; datata 30 ta' Lulju 2020.

Kompliet tghid illi r-Rikorrenti hija mara b'cirkostanzi specjali, kellha tifel b'dizabilita' u tiehu hsieb tifla li hija single mother, u l-kumpanija kienet taf. Meta wiehed jiehu kont tal-warnings precedenti, kollha kienu offizi zghar, u li sehhew matul numru ta' snin. Anke meta wiehed jara n-natura tal-emergency leave, fil-verita' l-kumpanija ma huwa qed jonqsilha xejn ghaliex dan jitnaqqas mil-leave tal-impjegati.

Fic-charge letter hemm imnizzel charge of gross misconduct, failure to provide an emergency note. Ir-rikorrenti giet rinfaccjata b'akkuza li ma kinitx imnizzla fic-charge letter u cioe' li ghandha warnings precedenti. Meta wiehed jara d-dokumenti, c-charge letter, l-appell, ir-risposta li tat is-socjeta' ntimata, u t-termination letter, imkien ma hemm imnizzel li t-terminazzjoni sehhet minhabba li kien hemm warnings precedenti. Ghaldaqstant, it-tkeccija kienet sproporzjonata, u cioe' unreasonable jew excessive response ghal breach li kienet saret.

Sema r-replika u l-kontro-replika.

## 5. Kunsiderazzjonijiet

Ikkunsidra li t-talbiet tar-Rikorrenti jirrigwardjaw li l-impjieg taghha gie tterminat illegalment u mhux skont il-ligi, jillikwida kumpens xieraq u gust u li s-socjeta' ntimata tigi kkundanata thallas l-ammont hekk kif likwidat lir-Rikorrenti.

Ir-Rikorrenti qalet illi meta iddefendiet ruhha kemm fil-Bord ta' Dixxiplina u kemm fl-appell hija ddefeniet ruhha fuq dak li kellha fic-charge letter datata 2 t'Ottubru 2018 u cioe' "*It has come to the Company's attention that on the 13/09/2018 and 14/09/2018 you failed to provide emergency note. This is an offence as per Malta Public Transport Policies & Procedures or Collective Agreement: Negligence which results in major damages to the Company.*" Ir-Rikorrenti ziedet tghid illi hija giet rinfaccjata b'akkuza li ma kinitx imnizzla fic-charge letter u cioe' li kellha warnings precedenti u meta wiehed jara d-dokumenti mkien ma kien hemm imnizzel li t-terminazzjoni sehhet minhabba li gja kellha twissijiet precedenti.

Ir-Rikorrenti nsistiet illi c-charge letter hekk kif harget mill-Kumpanija, meta tittiehed "in isolation" kellha tkun fuq Misconduct u mhux fuq Gross Misconduct stante li tali charge kienet tirrigwardja biss iz-zewg okkazzjonijiet fejn ma pprezentatx l-emergency notes.

Joe Simiana fix-xhieda tieghu[14] spjega li l-kaz tar-Rikorrenti kien eskala u l-Kumpanija kellha tirrikorri ghall-Bord ta' Dixxiplina ghaliex hija kienet qed tiehu l-emergency leave u ma tiehux l-emergency note b'mod repetut. Meta kienet tghaddi l-istess emergency note tard, il-Kumpanija kienu jaccettawha. Meta l-Kumpanija rat li regghet ghamlitha f'zewg okkazzjonijiet ohra, kkunsidrat li kienet is-sitt twiddiba, ikkundisrat li ghalkemm kienu kelmuha diversi drabi xorta baqghet tirrepeti l-istess affarijiet, u ghalhekk ittiehdet id-decizjoni li tghaddi Bord ta' Dixxiplina.

Ikkunsidra li ghalkemm l-abbli difensur tar-Rikorrenti u r-Rikorrenti nnifisha qalu illi l-Kumpanija kienet taf bis-sitwazzjoni taghha, mid-dokument esebiet[15] fejn hemm spjegat kemm ittiehed emergency leave minnha jidher li b'kollox hadet sitt'ijiem anke meta skont il-Ftehim Kollettiv, emergency leave kellu jkun ta' hamsa u ghoxrin siegha. Ghalhekk jirrizulta li l-Kumpanija kienet tiehu in konsiderazzjoni s-sitwazzjoni taghha. In oltre, fil-jiem li hadet l-emergency leave, minbarra fil-granet tat-13 u tal-14 ta' Settembru 2018 kien hemm emergency note ipprezentata ghalkemm fil-maggor parti jidhru li kienu jkunu tardivi wkoll, ghalhekk ir-Rikorrenti kienet taf sew x'kienet il-procedura.

[14] Fol 104 et seq.
[15] A fol 31.

Kemm mil-minuti mehudin waqt il-Bord ta' Dixxiplina fil-15 t'Ottubru 2018 u kemm mix-xhieda moghtija minn Raymond Briffa, li kien l-ufficjal li assista lir-Rikorrenti fil-Bord tad-Dixxiplina ma jirrizultax lit-Tribunal li gie ssollevat illi din ic-charge kellha tinhareg taht Misconduct u mhux taht Gross Misconduct u ghalhekk il-perkors tal-Bord ta' Dixxiplina kompla fejn inghatat decizjoni fir-rigward tal-akkuza migjuba kontra l-istess Rikorrenti, li kienu li ma pprezentatx l-Emergency Notes ghall-Emergency Leave li hadet fit-13 u fl-14 ta' Settembru 2018. Oltre minn hekk jirrizulta illi r-Rikorrenti kkonfermat illi fehmet il-kontenut kollu tac-Charge Sheet billi ffirmat dokument[16], u dan qabel is-smiegh tal-istess Bord, ghalhekk ir-Rikorrenti ddikjarat li fehmet il-kontentut tal-istess, allura kienet ben konxja kemm tal-akkuzi kif dedotta, kif ukoll tal-kontenut taghha.

Kien fl-istadju tal-appell u cioe' permezz ta' e-mail datata 22 t'Ottubru 2018, mibghuta minn Kenneth Abela illi gie rilevat illi din ic-Charge ma kelliex tkun trattata bhala Gross Misconduct, u li d-decizjoni kienet eccessiva, kif ukoll kien hemm talba sabiex id-decizjoni tigi rikonsidrata jew inkella titnaqqas il-piena fil-konfront tar-Rikorrenti.[17]

Illi l-ftehim Kollettiv senjatament artikoli 38.3 u 38.5 jipprovdu[18]:

> 38.3 The Parties have agreed to categorise certain offences in accordance with "Schedule 4" which shall be a non-exhaustive list of offences categorised in three types:
>
> 1. Minor offences,
> 2. Misconduct, and
> 3. Gross misconduct.
>
> *38.5 The Company shall apply the following disciplinary actions:*
>
> - *MINOR OFFENCES: For a first offence a rcorded verbal warning, followed by written recorded warnings for subsequent minor offences.*
>
> - *MISCONDUCT:*
>
> *a. 1st action: Written warning together with a suspension without pay of up to 3 days;*
> *b. 2nd action: written warning together with a suspension without pay of up to 7 days;*
> *c. 3rd action: written warning together with a suspension without pay of up to 15 days (the 15 days are not to be deducted from the same payroll).*
>
> - *GROSS MISCONDUCT: suspension without pay of more than 15 days or termination of employment for good and sufficient cause.*

Irrizulta li r-Rikorrenti kellha sensiela ta' warnings kemm written warnings u kemm verbal warnings u dan skont il-Performance Record tal-istess. Jirrizulta illi hija kellha written warnings li kienu ghadhom attivi, u cioe':

---

[16] A fol 66.
[17] A fol 76 u fol 134 et seq.
[18] A fol 48.

- Fil-11 ta' Mejju 2017, kienet inghatat it-tieni written warning fuq misconduct offence minhabba li ma kienetx iddepositat l-ammont tajjeb ta' flus tal-Kumpanija ta' diversi granet u cioe' tal-15 t'April 2017, 16 t'April 2017, 17 t'April 2017, 20 t'April 2017 u 22 t'April 2017, li kienet valida ghal 18-il xahar;
- Fl-10 ta' Lulju 2017, kienet inghatat it-tielet written warning fuq misconduct offence li fit-2 ta' Gunju 2017 kellha incident bil-BUS 158 il-Marsa, li kienet valida ghal 18-il xahar;
- Fil-11 ta' Gunju 2018, kienet inghatat ir-raba' warning fuq misconduct offence li fis-25 ta' Mejju 2018 kellha incident bil-BUS 672, li kienet valida ghal 18-il xahar;
- Fid-9 ta' Lulju 2018, kienet inghatat il-hames warning fuq misconduct offence li fid-19 ta' Gunju 2018 kienet irraportat 20 minuta tard ghad-duty 027, li kienet valida ghal-18-il xahar;
- Fl-10 ta' Settembru 2018, kienet inghatat is-sitt warning fuq misconduct offence li fl-20 ta' Awissu 2018 ma kinitx iccertifikata bhala sick mit-tabib tal-Kumpanija, li kienet valida ghal-18-il xahar.

Ir-Rikorrenti fix-xhieda taghha qalet illi hija kienet taf b'zewg twissijiet izda mhux b'iktar, kif ukoll li l-Kumpanija kienet taf bis-sitwazzjoni taghha. Ir-Rikorrent spejgat illi kienet tikkontesta c-charges izda meta rat illi kienu qeghdin jaqghu fuq widnejn torrox, ma baqghetx tikkontestahom.

Jirrizulta li b'kollox ir-Rikorrenti inghatat tmien twissijiet, senjatament hamsa li kienu ghadhom attivi, flimkien ma' tlieta ohra li tnejn kienu bil-miktub filwaqt li ohra kienet verbali u dan kollu fi zmien sena u nofs.

Jirrizulta wkoll illi s-Socjeta' ntimata fir-written warnings moghtija u mibghuta lir-Rikorrenti, kellha miktub is-segwenti:

> *"… Galea, your behaviour cannot be accepted by the Company….*
>
> *Galea, the Company wants to believe that you will do your best to improve your performance. Should this not be the case, you would leave the company no other option but to adopt further disciplinary measures."*

Illi ghalhekk il-Kumpanija kienet ilha twissi lir-Rikorrenti li l-imgieba taghha ma setghetx tibqa' tigi accettata mill-Kumpanija, kif ukoll illi jekk l-imgieba taghha ma timmeljorax ma kienet ser thalli l-ebda triq ohra lill-kumpanija ghajr li tadotta proceduri dixxiplinari ulterjuri.

It-Tribunal jinnota illi kemm fic-Charge Letter datata 2 t'Ottubru 2018 u kemm fl-ittra tal-appuntament ghas-smiegh tal-Bord ta' Dixxiplina, hemm senjatament imsemmi li:

> *After the Hearing, the Company will decide if a penalty must be issued, taking also in consideration any previous penalties on your record if applicable.*

Barra minn hekk fic-Charge Letter kellha wkoll imnizzel illi din il-procedura tista twassal ghat-tkeccija.

Irrizulta li l-Kumpanija harget ic-charge bhala Gross Misconduct ghaliex ma kinitx l-ewwel darba li r-Rikorrenti ghamlet dan, kienet kellmitha diversi drabi u ghaliex ma kienetx ghamlet dan f'gurnata wahda izda fuq jumejn. Fil-Bord ta' Dixxiplina, id-decizjoni fuq il-htija ittiehdet fuq l-akkuza li kellu quddiemu u cioe' li ma pprezentatx l-emergency notes hekk kif hemm stipulat fil-Ftehim Kollettiv. Meta s-Socjeta' ntimata hadet id-decizjoni dwar it-terminazzjoni tar-Rikorrenti, hadet in

konsiderazzjoni it-twissijiet li gew moghtija qabel, hekk kif irrizulta li l-istess Rikorrenti kienet infurmatha b'dan mid-dokumenti li rceviet.

It-Tribunal mill-provi migjuba quddiemu wasal ghal-konkluzjoni li l-Kumpanija waslet ghad-decizjoni li tinhareg l-akkuza fuq Gross Misconduct stante li ma kinitx l-ewwel darba li ghamlet dan in-nuqqas u minkejja li s-Socjeta' ntimata gibditilha l-attenzjoni fuq dan drabi ohra. Sussegwentement kienu sensiela ta' ncidenti li wasslu ghat-terminazzjoni tar-Rikorrenti, u mhux necesserjament l-ahhar zewg incidenti, izda akkumulazzjoni ta' ncidenti li kienu ghadhom attivi.

## 6. Konkluzjoni

Wara li t-Tribunal Industrijali ra u kkunsidra l-istatements tal-kaz tal-partijiet, sema' u evalwa l-evidenza tax-xhieda prodotti, ra u kkunsidra d-dokumenti esebiti, u s-sottomissjonijiet finali tal-partijiet, jasal ghall-konkluzjoni, li r-raguni tat-tkeccija kienet wahda gusta tenendo kont li c-charge kienet wahda ta' Gross Misconduct minhabba li ma kinitx l-ewwel darba li ghamlet dan in-nuqqas jew xi nuqqasijiet ohra, kienu maqsumin fuq jumejn, u wara li gie kkunsidrat l-appell tar-Rikorrenti regghu tqisu id-diversi twissijiet li kellha fil-konfront taghha.

## 7. Decide

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jiddisponi mill-kawza billi:

Jichad it-talbiet tar-Rikorrenti, filwaqt li jilqa' l-eccezzjonijiet tas-Socjeta' Ntimata.

Ghall-finijiet ta' Avviz Legali 48 tal-1986, dan it-Tribunal jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' €93.17.

Ghall-iskopijiet tal-artiklu 78 tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta jinghad illi dan il-kaz ma setax jigi deciz fiz-zmien moghti bil-Ligi minhabba differimenti u ragunijiet amministrattivi.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

(Iffirmat)
**Dr Marouska Debono**
**Chairperson**

**Vera Kopja**

**Marica Psaila**
**Ghas-Segretarju**